

Brussell, 29 ta' Mejju 2026
(OR. en)

9875/26

COMPET 650
IND 378
MI 556
BETREG 11
DIGIT 149
ECOFIN 701
EDUC 188
ENER 297
ENV 590
POLCOM 203
RECH 250

NOTA TA' TRAŻMISSJONI

minn:	Is-Segretarju Ġenerali tal-Kummissjoni Ewropea, iffirmata mis-Sa Martine DEPREZ, Direttur
data meta waslet:	28 ta' Mejju 2026
lil:	Is-Sa Thérèse BLANCHET, Segretarju Ġenerali tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea
Nru dok. Cion:	COM(2026) 252 final
Suġġett:	RAPPORT TAL-KUMMISSJONI LILL-PARLAMENT EWROPEW U LILL-KUNSILL dwar il-progress biex tintlaħaq il-mira għall-Unjoni kollha tal-kapaċità tal-injezzjoni tas-CO2

Id-delegazzjonijiet isibu mehmuż id-dokument COM(2026) 252 final.

Mehmuż: COM(2026) 252 final



IL-KUMMISSJONI
EWROPEA

Brussell, 28.5.2026
COM(2026) 252 final

**RAPPORT TAL-KUMMISSJONI LILL-PARLAMENT EWROPEW U LILL-
KUNSILL**

**dwar il-progress biex tintlaħaq il-mira għall-Unjoni kollha tal-kapaċità tal-injezzjoni
tas-CO₂**

Werrej

1	Objettiv ta' dan ir-rapport	2
2	Sfond.....	3
3	Ħarsa ġenerali lejn id-domanda u l-provvista abbażi tal-istimi tal-Istati Membri	5
3.1	Pjanijiet Nazzjonali għall-Enerġija u l-Klima	5
3.2	Rapporti tal-Istati Membri għall-2024 skont l-Artikolu 21(2) tar-Regolament (UE) 2024/1735	6
3.3	Trasparenza tad-data dwar il-kapaċità tal-ħżin skont l-Artikolu 21(1)	10
4	Ħarsa ġenerali lejn il-proġetti ppjanati tal-ħżin tas-CO ₂	12
4.1	Kontribuzzjoni skont il-pjanijiet tal-44 entità obligata	12
4.2	Ħarsa ġenerali lejn il-permessi eżistenti u l-abbozzi tal-permessi għall-ħżin	16
4.3	Proġetti tal-ħżin tal-UE rikonoxxuti bħala proġetti strateġiċi b'emissjonijiet zero netti .	19
5	Appoġġ taħt programmi ta' finanzjament tal-UE u nazzjonali	20
5.1	Kontribuzzjoni għall-Fond għall-Innovazzjoni.....	20
5.2	Kontribuzzjoni tal-Faċilità Nikkollegaw l-Ewropa għall-Enerġija	22
5.3	Kontribuzzjoni tal-Faċilità għall-Irkupru u r-Reżiljenza.....	22
5.4	Kontribuzzjoni ta' Orizzont Ewropa.....	22
5.5	Kontribuzzjoni mill-Istati Membri	22
6	Is-sitwazzjoni attwali fl-2025 u l-passi li jmiss	24
7	Konklużjoni	26

1 OBJETTIV TA' DAN IR-RAPPORT

L-għan ta' dan ir-rapport huwa li jimmonitorja l-progress biex tintlaħaq il-kapaċità tal-injezzjoni tas-CO₂ tal-Unjoni Ewropea (UE) imsemmija fl-Artikolu 20 tar-Regolament (UE) 2024/1735 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-13 ta' Ġunju 2024 dwar l-istabbiliment ta' qafas ta' miżuri għat-tiħiħ tal-ekosistema Ewropea tal-manifattura ta' teknoloġija b'emissjonijiet zero netti.

Ir-rapport huwa bbażat fuq:

- ir-rapporti annwali tal-2024 tal-Istati Membri sottomessi skont l-Artikolu 21(2) tar-Regolament (UE) 2024/1735^{1,2}; u
- il-pjanijiet għall-2025 sottomessi mill-44 entità obligata skont l-Artikolu 23(4) tar-Regolament (UE) 2024/1735.

Dan ir-rapport iqis ukoll informazzjoni addizzjonali li tikkontribwixxi għall-fehim tas-suq emerġenti tas-servizzi tal-ħżin ġeoloġiku tas-CO₂ fl-UE, jiġifieri:

- il-Pjanijiet Nazzjonali għall-Enerġija u l-Klima li ġew aġġornati reċentement³;
- id-domanda għall-finanzjament tal-UE mill-industrija⁴;
- l-abbozzi tal-permessi għall-ħżin, sottomessi mill-Istati Membri skont l-Artikolu 10 tad-Direttiva 2009/31/KE⁵, u
- l-implimentazzjoni mill-Istati Membri tal-obbligi tagħhom fl-Artikolu 21(1) tar-Regolament (UE) 2024/1735: (i) li jagħmlu disponibbli għall-pubbliku d-data dwar iż-żoni kollha fejn is-siti tal-ħżin tas-CO₂ jistgħu jkunu permessi fit-territorju tagħhom; u (ii) li jagħmlu disponibbli għall-pubbliku mingħajr ebda garanzija ta' affidabbiltà d-data ġeoloġika relatata ma' siti ta' produzzjoni tal-idrokarburi li jkunu ġew dekommissjonati jew li d-dekommissjonar tagħhom ikun ġie nnotifikat lill-awtorità kompetenti.

Madankollu, ta' min jinnota li l-valutazzjoni f'dan ir-rapport tirrappreżenta biss stampa bbażata fuq ir-rapportar tal-Istati Membri u tal-entitajiet obligati, li ma kienx komplut. Maż-żmien se toħroġ stampa aktar komprensiva hekk kif isiru sottomissjonijiet addizzjonali aktar ma noqorbu lejn l-2030.

¹ Ir-rapporti annwali tal-2025 tal-Istati Membri, li kellhom jaslu sal-31 ta' Diċembru 2025, ma humiex inklużi f'dan ir-rapport.

² Is-sit web tal-Kummissjoni Ewropea; [Member States reports under Article 21 of the NZIA Regulation](#).

³ Is-sit web tal-Kummissjoni Ewropea; [Pjanijiet Nazzjonali għall-Enerġija u l-Klima](#).

⁴ Il-proġetti tal-qbid u tal-ħżin tad-diossidu tal-karbonju huma eliġibbli għall-appoġġ taħt il-Faċilità Nikkollegaw l-Ewropa, il-programm Orizzont Ewropa, il-Fond għall-Innovazzjoni, il-programm LIFE, il-Fond għall-Modernizzazzjoni, u l-Pjattaforma tat-Teknoloġiji Strateġiċi għall-Ewropa.

⁵ Id-Direttiva 2009/31/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-23 ta' April 2009 dwar il-ħżin ġeoloġiku tad-dijossidu tal-karbonju u li temenda d-Direttiva tal-Kunsill 85/337/KEE, id-Direttivi 2000/60/KE, 2001/80/KE, 2004/35/KE, 2006/12/KE, 2008/1/KE u r-Regolament (KE) Nru 1013/2006 (ĠU L 140, 5.6.2009, p. 114, ELI: <http://data.europa.eu/eli/dir/2009/31/oj>).

2 SFOND

Il-qbid u l-ħżin tad-diossidu tal-karbonju (CCS) huma fost it-teknoloġiji ewlenin tad-dekarbonizzazzjoni disponibbli għall-industriji b'emissjonijiet li diffiċli jitnaqqsu fl-UE. Il-Komunikazzjoni “Lejn Ġestjoni Industrijali tal-Karbonju ambizzjuża għall-UE” tenniet ir-rwol ewlieni tal-ġestjoni industrijali tal-karbonju fil-mitigazzjoni tal-emissjonijiet li diffiċli jitnaqqsu u biex jintlaħqu l-emissjonijiet negattivi. Il-Komunikazzjoni ddeskriviet ukoll il-ħtieġa ta' qafas ta' politika u ta' investiment komprensiv tal-UE għall-aspetti kollha tal-ġestjoni industrijali tal-karbonju u tistabbilixxi viżjoni għal suq uniku għas-servizzi tat-trasport u tal-ħżin tas-CO₂ madwar l-Ewropa sal-2030⁶.

Ir-rapport ta' Draghi dwar il-kompetittività tal-UE enfażizza l-importanza ta' approċċ newtrali fir-rigward tat-teknoloġija għad-dekarbonizzazzjoni, indika l-ħtieġa ta' investimenti pubbliċi u privati sinifikanti, u rrakkomanda l-estensjoni tal-miżuri tal-aċċellerazzjoni u ta' regolamentazzjoni ta' emerġenza għall-infrastruttura tas-CCS⁷.

Il-Patt għal Industrija Nadifa ressaq azzjonijiet konkreti biex id-dekarbonizzazzjoni tinbidel fi xprunatur tat-tkabbir għall-industriji Ewropej u jstabbilixxi miżuri ġodda biex jappoġġa l-ħolqien ta' suq għas-CO₂ maqbud, inklużi tikketti volontarji dwar l-intensità tal-karbonju tal-prodotti industrijali.

L-UE qiegħda fuq quddiem nett kemm fit-teknoloġiji tal-qbid tas-CO₂ kif ukoll fir-riċerka, fl-iżvilupp u fil-finanzjament tal-innovazzjoni tas-CCS. Barra minn hekk, l-UE tospita l-kumpanija mexxejja fid-dinja fl-invenzjonijiet tal-ġestjoni industrijali tal-karbonju ta' valur għoli^{8,9}. Ir-rikonoxximent tat-teknoloġiji tal-qbid, tat-trasport, tal-ħżin u tal-użu tas-CO₂ fl-UE bħala teknoloġiji b'emissjonijiet zero netti¹⁰ se jappoġġa l-varar ta' ktajjen tal-valur integrati tas-CCS u se jgħin biex tissaħħaħ din it-tmexxija industrijali ewlenija.

Qed jiġi żviluppat qafas regolatorju robust biex jappoġġa l-varar tas-CCS fl-UE. Id-Direttiva 2009/31/KE tistabbilixxi qafas legali għall-ħżin ġeoloġiku sikur tas-CO₂. Ir-Regolament (UE) 2024/1735 jistabbilixxi mira tal-kapaċità tal-injezzjoni annwali tal-UE ta' mill-inqas 50 miljun tunnellata ta' CO₂ li għandha tinkiseb sal-2030 fis-siti tal-ħżin, jistabbilixxi l-kontribuzzjonijiet individwali għall-mira tal-kapaċità tal-injezzjoni annwali tal-UE, abbażi tas-sehem tal-entitajiet fil-produzzjoni taż-żejt grezz u tal-gass naturali tal-UE mill-1 ta' Jannar 2020 sal-31 ta' Diċembru 2023, u jaċċellera u jiffaċilita l-proċeduri amministrattivi, tal-ġhoti tal-permessi, u legali għall-proġetti tas-CCS li jikkontribwixxu għall-mira annwali tal-UE¹¹.

⁶ Il-Komunikazzjoni “Lejn Ġestjoni Industrijali tal-Karbonju ambizzjuża għall-UE” – COM(2024) 62 final.

⁷ [The future of European competitiveness](#) – Settembru 2024.

⁸ [Clean Energy Technology Observatory: Carbon Capture, Utilisation and Storage in the European Union – 2024 Status Report on Technology Development, Trends, Value Chains and Markets](#) – Iċ-Ċentru Kongunt tar-Riċerka tal-Kummissjoni Ewropea.

⁹ Dokument ta' Ħidma tal-Persunal tal-Kummissjoni – [Investment needs assessment and funding availabilities to strengthen EU's Net-Zero technology manufacturing capacity](#) – SWD(2023) 68 final.

¹⁰ L-Artikolu 4 tar-Regolament (UE) 2024/1735.

¹¹ L-Artikolu 20, l-Artikolu 23, u l-Kapitolu II, it-Taqsima III tar-Regolament (UE) 2024/1735.

L-immudellar tal-valutazzjoni tal-impatt tal-mira klimatika tal-UE għall-2040 jinkorpora l-mira tal-kapaċità tal-injezzjoni annwali tal-UE u jistma li jeħtieġ li jinħażnu madwar 200 miljun tunnellata fis-sena ta' CO₂ maqbud taħt l-art sal-2040¹². Il-mira tal-kapaċità tal-injezzjoni annwali tal-UE għandha tikkontribwixxi għall-objettiv vinkolanti tal-UE li tikseb newtralità klimatika sal-2050^{13,14}.

Ir-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2025/1477 jispeċifika r-regoli għall-identifikazzjoni tal-produtturi awtorizzati taż-żejt u tal-gass li huma meħtieġa jikkontribwixxu għall-mira tal-kapaċità tal-injezzjoni annwali tal-UE¹⁵. Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni (UE) 2025/1479 telenka l-kontribuzzjonijiet individwali tal-44 produttur awtorizzati taż-żejt u tal-gass li jridu jikkontribwixxu għall-mira¹⁶.

Is-suq tas-servizzi tal-ħżin tas-CO₂ tal-UE għadu fil-bidu iżda qed jikber b'rata mgħaġġla. Il-faċilità Porthos mistennija tibda topera fl-2026 fin-Netherlands b'2,5 miljun tunnellata ta' kapaċità tal-injezzjoni tas-CO₂ fis-sena. Il-faċilità Greensand mistennija tibda topera wkoll fl-2026 b'kapaċità tal-injezzjoni inizjali ta' 0,3 miljun tunnellata ta' CO₂ fis-sena. Il-proġett tas-CCS ta' Ravenna, li jinsab fl-Italja, diġà qiegħed jinjetta madwar 25 000 tunnellata ta' CO₂ fis-sena mill-2024 'l hawn fuq skala pilota u huwa ppjanat li jibda jopera kummerċjalment sal-2030. Fiż-Żona Ekonomika Ewropea, żewġ siti tal-ħżin li jinsabu fl-Iżlanda u fin-Norveġja bdew jinjettaw is-CO₂ minn sorsi industrijali fuq skala kummerċjali fl-2025¹⁷.

L-UE qed tappoġġa wkoll l-iżvilupp ta' siti tal-ħżin permezz ta' diversi strumenti ta' finanzjament tal-UE, fosthom il-Faċilità Nikkollegaw l-Ewropa, Orizzont Ewropa, il-Fond għall-Innovazzjoni, u l-Faċilità għall-Irkupru u r-Reżiljenza.

¹² Dokument ta' Ħidma tal-Persunal tal-Kummissjoni [Impact Assessment Report Part 1](#) li jakkumpanja d-dokument Komunikazzjoni tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill, lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew u lill-Kumitat tar-Regġuni. Niżguraw il-futur tagħna. Il-mira klimatika Ewropea għall-2040 u l-perkors għan-newtralità klimatika sal-2050 aħna u nibnu soċjetà sostenibbli, prospera u ġusta (SWD/2024/63 final). Tabella 6: Il-qbid u l-użu tal-karbonju industrijali.

¹³ Komunikazzjoni tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill, lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew u lill-Kumitat tar-Regġuni [Niżguraw il-futur tagħna Il-mira klimatika Ewropea għall-2040 u l-perkors għan-newtralità klimatika sal-2050 aħna u nibnu soċjetà sostenibbli, prospera u ġusta](#) {COM(2024) 63 final} – {SEC(2024) 64 final} – {SWD(2024) 64 final}.

¹⁴ L-Artikolu 1 tar-[Regolament \(UE\) 2021/1119](#) tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-30 ta' Ġunju 2021 li jistabbilixxi l-qafas biex tinkiseb in-newtralità klimatika u li jemenda r-Regolamenti (KE) Nru 401/2009 u (UE) 2018/1999 (“il-Liġi Ewropea dwar il-Klima”).

¹⁵ [Ir-Regolament Delegat tal-Kummissjoni \(UE\) 2025/1477](#) tal-21 ta' Mejju 2025 li jissupplimenta r-Regolament (UE) 2024/1735 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill billi jispeċifika r-regoli dwar l-identifikazzjoni tal-produtturi awtorizzati taż-żejt u tal-gass li huma meħtieġa jikkontribwixxu għall-objettiv li tintlaħaq il-mira tal-Unjoni tal-kapaċità tal-injezzjoni tas-CO₂ disponibbli sal-2030, dwar il-kalkolu tal-kontribuzzjonijiet rispettivi tagħhom, u dwar l-obbligi tar-rapportar tagħhom.

¹⁶ [Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni \(UE\) 2025/1479 tal-22 ta' Mejju 2025](#) li tispeċifika l-kontribuzzjonijiet prorata għall-objettiv tal-kapaċità tal-injezzjoni tas-CO₂ tal-Unjoni sal-2030 mill-entitajiet li għandhom awtorizzazzjoni kif definita fl-Artikolu 1, il-punt 3, tad-Direttiva 94/22/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill.

¹⁷ Il-faċilitajiet Silverstone u Northern Lights, li jinsabu rispettivament fl-Iżlanda u fin-Norveġja, bdew joperaw u bdew bl-injezzjoni fl-2025.

3 ĦARSA ĠENERALI LEJN ID-DOMANDA U L-PROVVISTA ABBAŻI TAL-ISTIMI TAL-ISTATI MEMBRI

3.1 Pjanijiet Nazzjonali għall-Enerġija u l-Klima

Il-pjanijiet nazzjonali għall-enerġija u l-klima (NECPs) jirrikjedu lill-Istati Membri jippubblikaw il-politiki li se jiġu implimentati biex jintlaħqu l-miri tal-klima u tal-enerġija għall-2030. Fl-2022, il-Kummissjoni ħeġġet lill-Istati Membri jintegraw il-ħżin ġeoloġiku tas-CO₂ fit-tul u l-isforzi ppjanati biex l-industrija tagħhom ikunu jistgħu jaqbd u jaħżnu l-emissjonijiet inerenti mill-proċessi tagħhom b'mod permanenti f'siti tal-ħżin ġeoloġiku, f'konformità mad-Direttiva 2009/31/KE, fl-NECPs aġġornati tagħhom¹⁸. L-Istati Membri ġew imħeġġa jipprovdu l-informazzjoni li ġejja:


- il-projezzjoni aggregata annwali tal-emissjonijiet inerenti mill-proċessi li se jkollhom jitnaqqsu permezz tal-qbid tas-CO₂;
- is-CO₂ bijoġeniku u dirett mill-arja annwali li se jkun disponibbli għall-ħżin ġeoloġiku tas-CO₂;
- il-kapaċità tal-ħżin ġeoloġiku tas-CO₂ li tista' ssir disponibbli mill-aspett operazzjonali kull sena;
- il-kapaċità annwali tal-ħżin tas-CO₂ li tista' ssir disponibbli fi tmiem l-isfruttament tar-riżervi tal-idrokarburi;
- l-infrastruttura ppjanata tat-trasport tas-CO₂;
- l-appoġġ għall-finanzjament pubbliku disponibbli għall-investiment fil-qbid, it-trasport u l-ħżin tas-CO₂; u
- kwalunkwe miżura oħra sabiex tappoġġa l-varar ta' opportunitajiet ta' ħżin ġeoloġiku tas-CO₂ fit-tul.

L-NECPs riveduti għall-perjodu 2021-2030 jinkludu informazzjoni dwar il-varar ippjanat tas-CCS f'kull Stat Membru¹⁹. L-analiżi tal-Kummissjoni tal-NECPs riveduti tindika li jistgħu jinqabdu total ta' 35 miljun tunnellata ta' CO₂ kull sena fl-UE sal-2030 għall-ħżin permanenti. Iċ-ċifri mogħtija taħt l-NECPs jindikaw ukoll li jistgħu jiġu injettati 27,1 miljun tunnellata ta' CO₂ kull sena f'siti tal-ħżin li jinsabu fl-UE sal-2030. Dan jissuġġerixxi li se jkun hemm domanda sinifikanti mill-industrija għas-siti tal-ħżin fis-snin li ġejjin. Il-Kummissjoni tistenna wkoll li l-Istati Membri jissottomettu għadd dejjem akbar ta' abbozzi tal-permessi għall-ħżin skont l-Artikolu 10 tad-Direttiva 2009/31/KE fis-snin li ġejjin.

¹⁸ [Avviż tal-Kummissjoni dwar il-Gwida lill-Istati Membri għall-aġġornament tal-Pjanijiet Nazzjonali għall-Enerġija u l-Klima tal-2021 sal-2030](#) (2022/C 495/02).

¹⁹ Sal-lum, il-Polonja għadha ma sottomettietx NECP aġġornat.

Illustrazzjoni 1 – Volumi stmati tal-qbid u tal-injezzjoni tas-CO₂ fl-UE skont il-Pjanijiet Nazzjonali għall-Enerġija u l-Klima (miljuni ta' tunnelli fis-sena)



3.2 Rapporti tal-Istati Membri għall-2024 skont l-Artikolu 21(2) tar-Regolament (UE) 2024/1735

Minbarra l-NECPs, l-Artikolu 21(2) tar-Regolament (UE) 2024/1735 jirrikjedi lill-Istati Membri jissottomettu rapport kull sena lill-Kummissjoni, li jiddeskrivi:

- immappjar tal-proġetti tal-qbid tas-CO₂ li jkunu għaddejjin fit-territorju tal-Istat Membru jew f'kooperazzjoni ma' Stati Membri oħra, u stima tal-ħtiġijiet korrispondenti għall-kapaċitajiet tal-injezzjoni u tal-ħżin, u tat-trasport tas-CO₂;
- immappjar tal-proġetti tal-ħżin tas-CO₂ u tat-trasport tas-CO₂ li jkunu għaddejjin fit-territorju tiegħu, inkluż l-istatus tal-għoti tal-permessi skont id-Direttiva 2009/31/KE, id-dati mistennija għad-Deċiżjoni Finali dwar l-Investment u l-bidu tal-operat;
- il-miżuri ta' appoġġ nazzjonali li ġew adottati jew li se jiġu adottati biex iħeġġu l-proġetti kif ukoll il-miżuri relatati mat-trasport transfruntier tas-CO₂;
- l-istrateġija u l-miri nazzjonali li se jiġu stabbiliti u li ġew stabbiliti għall-qbid tas-CO₂ sal-2030, fejn applikabbli;
- il-kooperazzjoni bilaterali u reġjonali li tiffaċilita t-trasport transfruntier tas-CO₂, inkluż l-implikazzjonijiet tagħhom għall-aċċess min-naħa tal-entitajiet involuti fil-qbid tas-CO₂ għal mezzi sikuri u mhux diskriminatorji għat-trasport tas-CO₂; u
- l-proġetti tat-trasport tas-CO₂ li jkunu għaddejjin u stima tal-kapaċità tal-proġetti futuri tat-trasport tas-CO₂ meħtieġa biex il-kapaċità tal-qbid taqbel mal-ħżin korrispondenti.

L-Artikolu 21(3) tar-Regolament (UE) 2024/1735 jipprevedi wkoll li, jekk ir-rapport ta' Stat Membru juri li ma hemm għaddej l-ebda proġett tal-ħżin tas-CO₂ fit-territorju tiegħu, dak l-Istat Membru jrid jirrapporta dwar il-pjanijiet biex tiġi ffaċilitata d-dekarbonizzazzjoni tas-setturi industrijali. Dan jinkludi, jekk applikabbli, it-trasport transfruntier tas-CO₂ lejn siti tal-ħżin li

jinsabu fi Stati Membri oħra kif ukoll proġetti tal-użu tas-CO₂. Ir-rapporti tal-2024 jinsabu fuq is-sit web tal-Kummissjoni²⁰.

Filwaqt li, fi tmiem l-2024, xi Stati Membri ma rrapportawx id-daqs tal-ħżin jew il-kapaċità tal-injezzjoni tagħhom, it-Tabella 1 tagħti indikazzjoni tal-għadd ta' proġetti tal-ħżin li qed jiġu żviluppati fl-UE u l-kontribuzzjonijiet potenzjali tagħhom tal-kapaċità tal-injezzjoni tal-UE. It-Tabella 1 tiddistingwi bejn id-“daqs tal-ħżin”, li huwa l-kapaċità totali stmata tal-ħżin tas-CO₂ ta' sit tal-ħżin partikolari, u l-“kapaċità tal-injezzjoni”, li huwa l-ammont annwali ta' CO₂ li jista' jiġi injettat f'sit tal-ħżin ġeoloġiku operazzjonali permess skont id-Direttiva 2009/31/KE. Meta l-Istati Membri rrapportaw biss l-ismijiet tal-proġetti tal-ħżin, il-Kummissjoni żiedet iċ-ċifri korrispondenti tal-ħżin u tal-injezzjoni. It-Tabella 1 ma tkoprix il-potenzjal tal-ħżin ġeoloġiku tal-Istati Membri u tiffoka fuq proġetti rikonoxxuti u rrapportati mill-Istati Membri.

²⁰ Is-sit web tal-Kummissjoni Ewropea; Ġestjoni Industrijali tal-Karbonju; [The EU's 2030 carbon storage target](#).

Tabella 1 – Sommarju tal-proġetti tal-ħżin tas-CO₂ bi skeda ta' żmien sal-2030 mill-2024.

Stati Membri	Għadd ta' proġetti	Daqs totali stmat tal-ħżin (miljuni ta' tunnellati ta' CO ₂)	Kapaċità stmata tal-injezzjoni (miljuni ta' tunnellati ta' CO ₂ fis-sena)
5 Stati Membri rrapportaw iċ-ċifri tal-ħżin	6	>980	
Id-Danimarka	1	250>	
L-Ungerija	1	7,5	
L-Italja	1	500	
Ir-Rumanija	1	10	
In-Netherlands	2	212,5	
6 Stati Membri rrapportaw iċ-ċifri tal-injezzjoni²¹	15		33,12
Il-Bulgarija	1		0,78
Il-Kroazja	1		0,74
Id-Danimarka	4		11,5 ²²
Franza	2		-
Il-Greċja	1		3
L-Ungerija	1		0,5
L-Italja	1		4
Ir-Rumanija	1		0,6
Spanja	1		2
In-Netherlands	2		10

It-Tabella 1 tindika li, fi tmiem l-2024, sal-2030 għandu jkun hemm disponibbli potenzjal totali tal-ħżin ta' madwar gigatunnellata waħda permezz ta' proġetti differenti li jinsabu fl-UE. Il-kapaċità tal-injezzjoni annwali tista' tilħaq it-33,12 miljun tunnellata ta' CO₂ fis-sena. Id-

²¹ Xi Stati Membri ma rrapportawx iċ-ċifri tal-injezzjoni direttament. Meta ssemmev proġetti speċifiki, żdiedu iċ-ċifri magħrufa tal-kapaċità tal-injezzjoni.

²² Id-Danimarka ma rrapportatx iċ-ċifri tal-kapaċità tal-injezzjoni u pprovdiet links għall-proġetti tal-ħżin tas-CO₂ li ġejjin: Greensand, Ruby, Greenstore, u Bifrost.

Danimarka u n-Netherlands bħalissa huma mistennija li jkunu ż-żewġ Stati Membri bl-ogħla kapaċità tal-injezzjoni sal-2030, segwiti mill-Italja u mill-Greċja.

It-Tabella 2 tiġbor fil-qosor iċ-ċifri totali tal-qbid irrapportati mill-Istati Membri u tipprovdi indikazzjoni utli tad-domanda futura għall-kapaċità tal-injezzjoni.

Tabella 2 – Sommarju tal-proġetti tal-qbid tas-CO₂ bi skeda ta' żmien għall-ħżin sal-2030, mill-2024.

Stati Membri	Kapaċità stmata tal-qbid fis-sena (miljuni ta' tunnelli ta' CO ₂ fis-sena)
Seba' Stati Membri rrapportaw iċ-ċifri tal-qbid	20,4 – 20,7
Il-Bulgarija	0,78
Franza	1,4
Il-Ġermanja	5,72
Il-Greċja	3,25
Ir-Rumanija	1,8
L-Iżvezja	3,965
In-Netherlands	3,5 – 3,8

Sa tmiem l-2024, l-Istati Membri stmaw li sal-2030, il-kapaċità tal-qbid tas-CO₂ tista' tammonta għal madwar 21 miljun tunnelli fis-sena. Din iċ-ċifra aggregata hija anqas miċ-ċifra aggregata mill-NECPs riveduti, potenzjalment minħabba ċifri tal-qbid neqsin minn diversi rapporti tal-Artikolu 21. Jekk wieħed jassumi l-istimi rilevanti tal-NECP għal dawk iċ-ċifri neqsin, iċ-ċifri tal-qbid totali stmati tal-UE mill-Istati Membri jistgħu jkunu ogħla minn 32 miljun tunnelli fis-sena.

Din l-istima aġġustata tindika li, mill-oġettiv tal-UE ta' 50 miljun tunnelli fis-sena f'termini ta' kapaċità tal-injezzjoni, 64 % jistgħu jintużaw minn proġetti magħrufa mill-Istati Membri jekk issir disponibbli infrastruttura tat-trasport. Fi tmiem l-2025, l-Istati Membri kellhom jaġġornaw l-istimi tagħhom, li se jiġu inklużi fir-rapport ta' progress li jmiss tal-Kummissjoni.

3.3 Trasparenza tad-data dwar il-kapaċità tal-ħżin skont l-Artikolu 21(1)

L-Artikolu 21(1)(a) tar-Regolament (UE) 2024/1735 jirrikjedi li, sat-30 ta' Diċembru 2024, l-Istati Membri kellhom jagħmlu disponibbli għall-pubbliku d-data dwar iż-żoni kollha fejn jistgħu jkunu permessi għal siti tal-ħżin tas-CO₂ fit-territorju tagħhom, mingħajr preġudizzju għar-rekwiżiti dwar il-protezzjoni ta' informazzjoni kunfidenzjali. Din id-data tippermetti lill-investituri jiddeċiedu fejn jesploraw siti potenzjali tal-ħżin tas-CO₂ fl-UE.

L-Artikolu 21(1)(b) tar-Regolament (UE) 2024/1735 jirrikjedi wkoll li, sat-30 ta' Diċembru 2024, l-Istati Membri kellhom jorbtu b'obbligu lill-entitajiet li huma jew li kienu detenturi ta' awtorizzazzjoni biex jesploraw, jipprospettaw jew jipproduċu ż-żejt u l-gass fit-territorju tagħhom li jagħmlu disponibbli għall-pubbliku mingħajr ebda garanzija ta' affidabbiltà: (i) id-data ġeoloġika relatata ma' siti ta' produzzjoni li ġew dekommissjonati jew li d-dekommissjonar tagħhom ġie nnotifikat lill-awtorità kompetenti; u (ii) jekk disponibbli, u sakemm l-entità ma tkunx applikat għal permess ta' esplorazzjoni, valutazzjonijiet ekonomiċi tal-kostijiet rispettivi biex tkun tista' ssir injezzjoni tas-CO₂. Dawn il-valutazzjonijiet ekonomiċi kellhom jinkludu data dwar jekk is-sit huwiex adattat għall-injezzjoni u għall-ħżin tas-CO₂ b'mod sostenibbli, sikur u permanenti, u d-disponibbiltà jew il-ħtieġa ta' infrastruttura u modi tat-trasport adattati għat-trasport sikur tas-CO₂ lejn is-sit.

L-implimentazzjoni tal-Artikolu 21(1)(a) u 21(1)(b) tar-Regolament (UE) 2024/1735 kienet imħallta.

L-ewwel nett, sat-30 ta' Diċembru 2024, f'konformità mal-Artikolu 21(1)(a), disa' Stati Membri ddikjaraw kif jagħmlu disponibbli għall-pubbliku d-data dwar iż-żoni fejn jistgħu jkunu permessi siti tal-ħżin tas-CO₂²³. It-tieni, id-data ġeoloġika hija disponibbli għall-pubbliku u aċċessibbli f'ħames Stati Membri biss²⁴. It-tielet, tliet Stati Membri biss²⁵ urew li għandhom qafas legali li jobbliga lill-kumpaniji awtorizzati taż-żejt u tal-gass jippublikaw id-data ġeoloġika rilevanti kif meħtieġ skont l-Artikolu 21(1)(b). Il-Kummissjoni ma setgħetx tivverifika l-konformità ta' 13-il Stat Membru minħabba li kien hemm notifiki nieqsa fir-rigward tal-Artikolu 21(1)²⁶.

Sitt Stati Membri²⁷ rrapportaw li l-iżvilupp ta' qafas legali bħal dan għadu għaddej u juru li, sal-lum, ir-regoli nazzjonali tagħhom dwar il-pubblikazzjoni obbligatorja tal-informazzjoni rilevanti għadhom ma humiex kompluti jew li għad hemm xi lakuni fid-dispożizzjonijiet eżistenti biex jiġi applikat l-Artikolu 21(1)(b). Ħames Stati Membri pprovdew evidenza limitata dwar l-eżistenza ta' qafas legali li jinforza l-Artikolu 21(1)(b), b'data nieqsa dwar rekwiżiti obbligatorji għall-provvista

²³ Il-Belġju (ir-reġjun Fjamming), id-Danimarka, Franza, in-Netherlands, l-Ungerija, l-Italja, il-Polonja, l-Iżvezja u r-Rumanija.

²⁴ Id-Danimarka, Franza, l-Ungerija, Spanja, u n-Netherlands.

²⁵ Id-Danimarka, il-Ġermanja, u l-Italja.

²⁶ Il-Bulgarija, iċ-Ċekja, l-Estonja, il-Finlandja, il-Ġermanja, il-Greċja, l-Irlanda, il-Latvja, il-Litwanja, il-Lussemburgu, Malta, is-Slovenja, u s-Slovakkja.

²⁷ Il-Belġju, Franza, il-Latvja, il-Polonja, il-Portugall, u n-Netherlands.

pubblika²⁸. Għal 12-il Stat Membru²⁹ ma hemm l-ebda qafas legali li jawtorizza l-provvista pubblika ta' data ġeoloġika.

Għalhekk, il-Kummissjoni tistieden lill-Istati Membri rilevanti biex jissodisfaw l-obbligi tagħhom skont l-Artikolu 21(1) u biex jinnotifikaw l-informazzjoni rilevanti lill-Kummissjoni mill-aktar fis possibbli. Il-Kummissjoni qed tniedi atlas Ewropew tal-investimenti ta' siti potenzjali tal-ħżin tas-CO₂ fl-2026. Dan l-atlas se jiddependi, fost l-oħrajn, fuq data pprovduta mill-Istati Membri u mill-entitajiet obbligati skont l-Artikolu 21.

²⁸ Iċ-Ċekja, l-Estonja, il-Finlandja, il-Greċja, u l-Litwanja.

²⁹ L-Awstrija, il-Bulgarija, il-Kroazja, l-Ungerija, l-Irlanda, il-Lussemburgu, Malta, ir-Rumanija, is-Slovakkja, is-Slovenja, Spanja, u l-Iżvezja.

4 HARSJA ĠENERALI LEJN IL-PROĠETTI PPJANATI TAL-ĦŻIN TAS-CO₂

4.1 Kontribuzzjoni skont il-pjanijiet tal-44 entità obligata

Ir-Regolament (UE) 2024/1735 jirrikjedi li l-44 entità obligata jikkontribwixxu l-mira tal-kapaċità tal-injezzjoni annwali tal-UE ta' 50 miljun tunnellata biex jiġi żgurat li “*s-CCS bħala soluzzjoni klimatika tkun disponibbli qabel id-domanda*”³⁰. L-Artikolu 3(28) tar-Regolament (UE) 2024/1735 jiddefinixxi “kapaċità tal-injezzjoni tas-CO₂” bħala l-ammont annwali ta' CO₂ li jista' jiġi injettat f'sit tal-ħżin ġeoloġiku operazzjonali. L-Artikolu 23(1) jipprevedi li l-kontribuzzjoni għall-kapaċità tal-injezzjoni għandha tikkonsisti mill-kapaċità tal-injezzjoni tas-CO₂ f'sit tal-ħżin permess f'konformità mad-Direttiva 2009/31/KE u magħmula disponibbli għas-suq sal-2030.

Sa mhux aktar tard minn tmiem l-2030, l-entitajiet obligati jridu juru l-kontribuzzjoni tagħhom għall-mira għall-Unjoni kollha tal-kapaċità tal-injezzjoni tas-CO₂ billi jirrapportaw lill-Kummissjoni u lill-pubbliku li ngħataw permess għall-ħżin tas-CO₂ f'konformità mad-Direttiva 2009/31/KE fl-UE li jippermetti l-injezzjoni tal-ammonti rilevanti ta' CO₂ maqbud għal mill-inqas 5 snin, kif definit fl-Artikolu 20(2) tar-Regolament (UE) 2024/1735. L-entitajiet iridu juru wkoll li din il-kapaċità tal-injezzjoni tas-CO₂ hija disponibbli għas-suq, u dan jista' jsir billi jirrapportaw mill-inqas ftehim wieħed ta' servizz tal-ħżin ma' emittent li jrid juża l-kapaċità. Kwalunkwe kontribuzzjoni bħal din tista' tiġi żviluppata, waħedha, f'kooperazzjoni jew permezz ta' ftehimiet ma' żviluppaturi tal-ħżin mhux obligati, f'konformità mal-Artikolu 23(5) tar-Regolament (UE) 2024/1735.

L-Artikolu 23(4) tar-Regolament (UE) 2024/1735 jirrikjedi lill-44 entità obligata jissottomettu pjan, sat-30 ta' Ġunju 2025, biex jispeċifikaw fid-dettall kif beħsiebhom jissodisfaw il-kontribuzzjoni tagħhom għall-kapaċità tal-injezzjoni annwali tal-UE. Dawk il-pjanijiet kellhom

³⁰ Premessa 43: “*Permezz tad-definizzjoni ta' siti ta' ħżin tas-CO₂ u kwalunkwe proġett relatat mal-qbid tas-CO₂ u ta' infrastruttura tas-CO₂ li jikkontribwixxi għall-mira tal-Unjoni għall-2030 bħala proġett strateġiku b'emissjonijiet żero netti, l-iżvilupp ta' siti ta' ħżin tas-CO₂ jista' jiġi aċċellerat u ffaċilitat, u d-domanda industrijali dejjem akbar għas-siti ta' ħżin tista' tiġi indirizzata lejn is-siti ta' ħżin l-aktar kosteffettivi. Volum dejjem akbar ta' siti tat-tħaffir għall-gass u ż-żejt li qed jiġu eżawriti u li jistgħu jiġu kkonvertiti f'siti tal-ħżin sikuri tas-CO₂ jinsabu fi tmiem il-ħajja tal-produzzjoni utli tagħhom. Barra minn hekk, l-industrija taż-żejt u tal-gass affermat id-determinazzjoni tagħha li tibda tranżizzjoni tal-enerġija u għandha l-assi, il-ħiliet u l-għarfien meħtieġa biex tesplora u tiżviluppa siti ta' ħżin addizzjonali. Sabiex tintlaħaq il-mira tal-Unjoni ta' 50 miljun tunnellata ta' kapaċità operazzjonali annwali tal-injezzjoni tas-CO₂ sal-2030, jeħtieġ li s-settur jiġbor il-kontributi tiegħu biex jiżgura li s-CCS bħala soluzzjoni klimatika tkun disponibbli qabel id-domanda. Sabiex jiġi żgurat żvilupp tas-siti ta' ħżin tas-CO₂ f'waqt u kosteffettiv fl-Unjoni kollha f'konformità mal-oġġettiv tal-Unjoni għall-kapaċità tal-injezzjoni, jenħtieġ li d-detenturi tal-liċenzja tal-produzzjoni taż-żejt u tal-gass fl-Unjoni jikkontribwixxu għal dik il-mira fuq bażi pro rata tal-kapaċità tagħhom tal-manifattura taż-żejt u tal-gass, filwaqt li jiġu pprovduti flessibbiltajiet biex jikkooperaw u jitqiesu kontributi oħra ta' partijiet terzi. Jenħtieġ li jitrawwem approċċ ta' katina tal-valur mill-azzjonijiet meħuda kemm fil-livell tal-Unjoni kif ukoll f'dak nazzjonali. Għaldaqstant, jenħtieġ li d-detenturi tal-liċenzja tal-produzzjoni taż-żejt u tal-gass fl-Unjoni jwettqu l-investimenti neċessarji u jappoġġaw l-iżvilupp ta' mudelli kummerċjali vijabbli għall-katina tal-valur tad-diossidu tal-karbonju kollha.*”


jikkonfermaw il-kontribuzzjoni tal-entitajiet obligati u jispeċifikaw il-mezzi u l-istadji importanti biex jintlaħqu dawn il-kontribuzzjonijiet.

L-44 entità obligata kollha ssottomettew il-pjan tagħhom u kull pjan jitqies kunfidenzjali. Abbażi ta' dawn il-pjanijiet sottomessi sa issa fl-2025:

- (1) 16 biss mill-44 entità obligata kkonfermaw il-kontribuzzjoni tagħhom għall-mira tal-UE f'termini tal-volum assenjat tagħhom tal-kapaċità annwali tal-injezzjoni tas-CO₂ li għandha tkun disponibbli għas-suq sal-2030;
- (2) l-ebda waħda mill-44 entità obligata ma kkonfermat il-kontribuzzjoni tagħha għall-mira tal-UE f'termini tal-kapaċità totali tal-ħżin³¹ tas-CO₂ li għandha tkun disponibbli għas-suq sal-2030;
- (3) 25 biss mill-44 entità obligata speċifikaw fil-pjanijiet tagħhom il-mezzi u l-istadji importanti biex jilħqu l-volum fil-mira.

Il-mezzi u l-istadji importanti tal-pjanijiet ivarjaw f'termini tal-kontenut u tad-dettalji iżda jistgħu jiġu kkategorizzati kif ġej:

Illustrazzjoni 2 – Tip ta' informazzjoni inkluża fil-mezzi u fl-istadji importanti



³¹ L-Artikolu 20(2) tar-[Regolament \(UE\) 2024/1735](#) jipprevedi li s-siti kollha tal-ħżin għandhom jifasslu biex joperaw għal minimu ta' 5 snin.

Fost is-siti tal-ħżin imsemmija fil-pjanijiet tal-44 entità obligata, jissemmew 14-il sit f'diversi pjanijiet, li l-maġġoranza tagħhom jinsabu fin-Netherlands (ħames siti) u fid-Danimarka (erba' siti). Ħames entitajiet obligati jirreferu għal siti tal-ħżin li jinsabu barra mill-UE, li ma jistgħux jintużaw biex tintwera l-konformità mar-Regolament (UE) 2024/1735.

Il-pjanijiet ta' 19 mill-44 entità obligata jiddikjaraw l-intenzjoni tal-entitajiet li jissodisfaw il-kontribuzzjoni individwali tagħhom għall-kapaċità tal-injezzjoni annwali tal-UE billi jidħlu fi ftehimiet ma' entitajiet oħra, u tmienja minnhom speċifikaw ukoll l-entità korrispondenti.

Tabella 3 – Kapaċità massima stmata tal-injezzjoni disponibbli sal-2030 kif imsemmi fil-pjanijiet tal-entitajiet obbligati

Post tas-sit tal-ħżin	Kapaċità massima tal-injezzjoni (f' miljuni ta' tunnelli ta' CO ₂ fis-sena)
Id-Danimarka	11
Il-Greċja	3
L-Ungerija	1
L-Italja	4
In-Netherlands	10
TOTAL	29

26 entità obligata rreferew għal siti tal-ħżin potenzjali jew eżistenti tal-UE li se jużaw biex jissodisfaw il-kontribuzzjoni tagħhom għall-kapaċità tal-injezzjoni. It-total ta' dawn il-proġetti tal-ħżin jammonta għal kapaċità massima tal-injezzjoni ta' 29 miljun tunnelli ta' CO₂ fis-sena sal-2030.

It-total tal-proġetti tal-ħżin jindika li 58 % tal-kapaċità tal-injezzjoni annwali tal-UE tista' ssir disponibbli għall-emittenti industrijali. Il-proġetti tal-ħżin li jinsabu fl-UE, jikkontribwixxu għall-mira tal-kapaċità tal-injezzjoni annwali tal-UE u li applikaw għal permess għall-ħżin huma proġetti strateġiċi b' emissjonijiet żero netti, flimkien mal-proġetti assoċjati tal-qbid u tal-ħżin, u għandhom jiġu appoġġati mill-Istati Membri f'konformità mal-Artikoli 13, 15, u 16 tar-Regolament (UE) 2024/1735.

Fil-pjanijiet tagħhom, seba' entitajiet obbligati jidentifikaw żoni fejn jistgħu jiġu żviluppati siti ġodda tal-ħżin. Madankollu, ma ġewx ipprovduti ċifri tal-kapaċità tal-injezzjoni għal kull wieħed minn dawn is-siti l-ġodda. Għalhekk, abbażi tal-pjanijiet ipprovduti sal-lum, għadu kmieni wisq biex jiġi vvalutat jekk ikunx hemm biżżejjed siti tal-ħżin biex tiġi ssodisfata l-mira tal-kapaċità tal-injezzjoni annwali tal-UE fl-2030.

L-Artikolu 23(6) tar-Regolament (UE) 2024/1735 jirrikjedi li, mit-30 ta' Ġunju 2026 u mbagħad kull sena wara, l-44 entità obligata jissottomettu rapport annwali tal-progress lill-Kummissjoni li jispjega fid-dettall il-progress li għamliu biex jissodisfaw il-kontribuzzjoni tagħhom. Il-Kummissjoni għandha tippubblika dawn ir-rapporti.

L-Artikolu 5 tar-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2025/1477 jispeċifika wkoll li r-rapporti jrid ikun fihom mill-inqas sett minimu standard ta' informazzjoni dwar il-proġetti tal-ħżin tas-CO₂ li qed jiġu żviluppati mill-entitajiet obligati f'kemm jista' jkun dettall fl-istat tal-iżvilupp. Dan jinkludi l-post tas-siti tal-ħżin tas-CO₂ rilevanti, il-kapaċità totali mistennija tal-ħżin, il-kapaċità mistennija tal-injezzjoni annwali u l-modi ppjanati tat-trasport tas-CO₂ u l-infrastruttura tat-trasport relatata li se jkunu meħtieġa għall-operat tas-sit. Ir-rapporti jridu jipprovdu wkoll informazzjoni ta' kuntatt għall-klijenti potenzjali tal-ħżin u jridu jinkludu pjan direzzjonali dettaljat tal-istadji importanti u tal-punti tad-deċiżjonijiet ewlenin tekniċi u kummerċjali, kif ukoll ir-riskji, l-inċertezzi u l-istrateġiji tal-mitigazzjoni li l-klijenti kummerċjali potenzjali jridu jkunu jafu biex jipprogressaw bid-deċiżjonijiet tagħhom dwar l-investment.

4.2 Ħarsa ġenerali lejn il-permessi eżistenti u l-abbozzi tal-permessi għall-ħżin

Skont l-Artikolu 6(1) tad-Direttiva 2009/31/KE, l-Istati Membri jridu jiżguraw li l-ebda sit tal-ħżin ma jopera mingħajr permess għall-ħżin. Skont l-Artikolu 10(1) tad-Direttiva 2009/31/KE, l-Istati Membri jridu wkoll jagħmlu l-applikazzjonijiet għall-permessi disponibbli għall-Kummissjoni fi żmien xahar wara li jirċevuhom u jridu jinfurmaw lill-Kummissjoni bl-abbozzi kollha tal-permessi għall-ħżin. Dawn id-dispożizzjonijiet jippermettu lill-Kummissjoni tistma l-kapaċità mistennija tal-injezzjoni tas-siti tal-ħżin li japplikaw għal permess għall-ħżin. Din il-ħarsa ġenerali hija bbażata fuq il-permessi għall-ħżin maħruġa u fuq l-applikazzjonijiet għall-permessi li jkunu saru disponibbli għall-Kummissjoni sal-aħħar ta' Frar 2026.

Sa Marzu 2026, tliet siti tal-ħżin tas-CO₂ kellhom permess fl-UE: is-sit Porthos fin-Netherlands, is-sit Greensand fid-Danimarka, u s-sit Prinos fil-Greċja. Dawn il-faċilitajiet għandhom kapaċità stmata tal-injezzjoni kkombinata ta' 3,54 miljun tunnellata ta' CO₂ fis-sena, kif miġbur fil-qosor fit-Tabella 4 hawn taħt.

Tabella 4 – Siti tal-ħżin tas-CO₂ b’permess fl-UE sa Marzu 2026.

Sit tal-ħżin	Stat Membru	Bidu mistenni tal-operat	Kapaċità stmata tal-injezzjoni (f’ miljuni ta’ tunnelli ta’ CO ₂ fis-sena)
Nini West	Id-Danimarka	2026	0,3 ³²
Prinos	Il-Greċja	2026–2027 ³³	0,74 ³⁴
P18-2 u P18-4	In-Netherlands	2026 ³⁵	2,5 ³⁶
			3,54

It-Tabella 5 telenka l-proġetti tal-ħżin tas-CO₂ li sottomettew applikazzjoni għall-permess għall-ħżin lil awtorità nazzjonali kompetenti fl-UE. Iċ-ċifri mistennija tal-kapaċità tal-injezzjoni ġew ikkalkulati mill-Kummissjoni u ma jirriflettux il-potenzjal tal-kapaċità tal-injezzjoni għal kull sit tal-ħżin. B’mod partikolari, xi ċifri jinkludu kapaċità medja massima tal-injezzjoni, ibbażata fuq il-volum massimu tal-ħżin diviż bil-perjodu tal-injezzjoni msemmi fl-abbozz tal-permess. Il-kapaċità massima tal-injezzjoni għal sit partikolari trid tiġi speċifikata fil-permess għall-ħżin³⁷ u tista’ tiżdied għal diversi siti tal-ħżin jekk il-kapaċità tiġi estiża u l-permessi jiġu emendati.

Il-proġetti tal-ħżin tal-UE, b’applikazzjoni għall-permess sottomessa, jistgħu jipprovdu 15,6 miljun tunnelli ta’ CO₂ fil-kapaċità tal-injezzjoni, kif miġbur fil-qosor fit-Tabella 5 hawn taħt.

³² Is-sit web tal-Aġenzija Daniża tal-Enerġija – [Pubblikazzjonijiet, aħbarijiet u analiżi dwar is-CCS](#) – Deċiżjoni dwar l-approvazzjoni ta’ pjan tal-ħżin u l-permess biex jinħażen id-diossidu tal-karbonju f’Nini A (Nini West) lil hinn mill-kosta fid-Danimarka, Liċenzja C2023/01.

³³ Is-sit web ta’ Energean – [Prinos CO₂](#).

³⁴ Abbażi tal-volum massimu tal-ħżin diviż bil-perjodu tal-injezzjoni msemmi fl-abbozz tal-permess għall-ħżin. Il-proġett Prinos jippjana li jkollu żewġ fażijiet b’miljun tunnelli ta’ CO₂ fis-sena f’kapaċità massima tal-injezzjoni fl-ewwel fażi u 3 miljun tunnelli ta’ CO₂ fis-sena fit-tieni fażi. Il-permess ikopri l-Fażi 1, li jispjega d-diskrepanza mal-kapaċità tal-injezzjoni prevista tal-Greċja msemmija fit-Tabella 1.

³⁵ Is-sit web tal-[proġett Porthos](#).

³⁶ Is-sit web tal-Aġenzija tal-Intrapriżi tan-Netherlands – [Permess għall-ħżin ta’ Porthos](#).

³⁷ L-Artikolu 9(3) tad-Direttiva 2009/31/KE jgħid li l-permess għandu jkun fih mill-inqas “ir-rekwiżiti għall-operazzjoni tal-ħżin il-kwantità totali ta’ CO₂ awtorizzata li tiġi maħżuna ġeoloġikament, il-limiti tal-pressjoni tal-ġibjun, u r-rati u l-pressjonijiet massimi ta’ injezzjoni”.

Tabella 5 – Siti tal-ħżin li għalihom ġiet sottomessa applikazzjoni għall-permess għall-ħżin.

Sit tal-ħżin li applika għall-permess	Stat Membru	Sena mistennija għall-bidu tal-operat	Kapaċità stmata tal-injezzjoni (f' miljuni ta' tunnelli ta' CO ₂ fis-sena)
Nini Main u East	Id-Danimarka	2029 ³⁸	0,86 ³⁹
Ravenna	L-Italja	2030 ⁴⁰	3,85 ⁴¹
L04-A	In-Netherlands	2029 ⁴²	1,6 ⁴³
L09-FF	In-Netherlands	madwar l-2031 ⁴⁴	2,7 ⁴⁵
L10-ALBE	In-Netherlands	2030 ⁴⁶	3,84 ⁴⁷
K14-FAFC	In-Netherlands	2027 ⁴⁸	1,7 ⁴⁹
Q16-FA	In-Netherlands	2030 ⁵⁰	1,03 ⁵¹
			15,6

³⁸ Kif imsemmi fl-applikazzjoni għall-permess għall-ħżin.

³⁹ Abbażi tal-volum massimu tal-ħżin u l-perjodu tal-injezzjoni msemmi fl-applikazzjoni għall-permess għall-ħżin.

⁴⁰ Kif imsemmi fl-applikazzjoni għall-permess għall-ħżin.

⁴¹ Abbażi tal-volum massimu tal-ħżin u l-perjodu tal-injezzjoni msemmi fl-applikazzjoni għall-permess għall-ħżin.

⁴² Kif imsemmi fl-applikazzjoni għall-permess għall-ħżin.

⁴³ Abbażi tal-volum massimu tal-ħżin u l-perjodu massimu tal-injezzjoni msemmi fl-abbozz tal-permess għall-ħżin.

⁴⁴ Kif imsemmi fl-applikazzjoni għall-permess għall-ħżin.

⁴⁵ Abbażi tal-volum massimu tal-ħżin u l-perjodu tal-injezzjoni msemmi fl-applikazzjoni għall-permess għall-ħżin.

⁴⁶ Kif imsemmi fl-applikazzjoni għall-permess għall-ħżin.

⁴⁷ Abbażi tal-volum massimu tal-ħżin u l-perjodu tal-injezzjoni msemmi fl-applikazzjoni għall-permess għall-ħżin.

⁴⁸ Kif imsemmi fl-applikazzjoni għall-permess għall-ħżin.

⁴⁹ Abbażi tal-volum massimu tal-ħżin diviż bil-perjodu tal-injezzjoni msemmi fl-abbozz tal-permess.

⁵⁰ Is-sit web ta' ONE-Dyas – [Ħżin tas-CO₂](#).

⁵¹ Abbażi tal-volum massimu tal-ħżin u l-perjodu tal-injezzjoni msemmi fl-applikazzjoni għall-permess għall-ħżin.

4.3 Proġetti tal-ħżin tal-UE rikonoxxuti bħala proġetti strateġiċi b'emissjonijiet żero netti

L-Artikolu 13(3) tar-Regolament (UE) 2024/1735 jipprevedi li “*l-Istati Membri għandhom jirrikonoxxu bħala proġetti strateġiċi b'emissjonijiet żero netti proġetti ta' ħżin tas-CO₂ li jissodisfaw il-kriterji kollha li ġejjin:*

(a) is-sit tal-ħżin tas-CO₂ ikun jinsab fit-territorju tal-Unjoni, fiż-żoni ekonomiċi esklużivi tagħha jew fuq il-blata kontinentali tagħha fis-sens tal-Konvenzjoni tan-Nazzjonijiet Uniti dwar il-Liġi tal-Baħar (UNCLOS);

(b) il-proġett ta' ħżin tas-CO₂ jikkontribwixxi biex jintlaħaq l-oġettiv stabbilit fl-Artikolu 20;

(c) il-proġett ta' ħżin tas-CO₂ applika għal permess għall-ħżin ġeoloġiku sikur u permanenti tas-CO₂ f'konformità mad-Direttiva 2009/31/KE.

Kwalunkwe proġett ta' qbid tas-CO₂ marbut ma' proġett tal-ħżin tas-CO₂ li jissodisfa l-kriterji msemmija fl-ewwel subparagrafu u kwalunkwe proġett ta' infrastruttura tas-CO₂ meħtieġa għat-trasport tas-CO₂ maqbud għandu jiġi rikonoxxut ukoll bħala proġett strateġiku b'emissjonijiet żero netti”.

Sa Frar 2026, l-Istati Membri kienu rrikonoxxew il-proġetti tal-ħżin tas-CO₂ li ġejjin bħala proġetti strateġiċi b'emissjonijiet żero netti:

- Is-sit tal-ħżin tal-proġett ACCSION (id-Danimarka)
- Is-sit tal-ħżin ANRAV-CCUS (il-Bulgarija)
- Is-sit tal-ħżin potenzjali taħt iċ-Ċentru tas-CO₂ tat-Tramuntana tad-Danimarka (id-Danimarka)
- Is-sit tal-ħżin tas-CO₂ ta' Kalundborg (id-Danimarka)
- Is-sit tal-ħżin Greenstore (id-Danimarka)
- Is-siti tal-ħżin P18-2 u P8-4 (in-Netherlands)
- Is-siti tal-ħżin K14, L04-A u L10 (in-Netherlands).

Din il-lista ma tinkludix il-proġetti kollha tal-ħżin fl-UE li huma mistennija jikkontribwixxu għall-mira tal-kapaċità tal-injezzjoni annwali tal-UE. L-Istati Membri għandhom jirrikonoxxu b'mod urġenti l-proġetti strateġiċi b'emissjonijiet żero netti biex jiġi aċċellerat ir-ritmu tal-varar tal-proġetti u tintlaħaq il-mira tal-kapaċità tal-injezzjoni annwali tal-UE.

5 APPOĠĠ TAĦT PROGRAMMI TA' FINANZJAMENT TAL-UE U NAZZJONALI

5.1 Kontribuzzjoni għall-Fond għall-Innovazzjoni

Minn Marzu 2026, il-Fond għall-Innovazzjoni jappoġġa 60 proġett tal-qbid, tat-trasport, u tal-ħżin jew tal-użu tas-CO₂ b'madwar EUR 6,65 biljuni impenjati f'finanzjament b'għotjiet. Il-kapaċità tal-injezzjoni tas-CO₂ hija ffinanzjata direttament minn EUR 630 miljun f'finanzjament b'għotjiet għal sitt proġetti ta' ħżin tas-CO₂ u tal-katina sħiħa tas-CCS li mistennija jibdew joperaw sal-2030⁵². Dawn il-proġetti, elenkati taħt it-Tabella 6, huma mistennija jipprovdu kapaċità tal-injezzjoni ta' madwar 7 miljun tunnellata ta' CO₂ jew 20 % tal-mira tal-kapaċità tal-injezzjoni annwali tal-UE.

33 proġett tal-qbid tas-CO₂ iffinanzjati taħt il-portafoll tal-Fond għall-Innovazzjoni għandhom jirrikjedu kapaċità tal-injezzjoni ta' 25,3 miljun tunnellata ta' CO₂ fis-sena f'siti tal-ħżin jew 50 % tad-domanda għall-mira tal-kapaċità tal-injezzjoni annwali tal-UE. Mill-2020, total ta' aktar minn 100 proġett tal-qbid tas-CO₂ applikaw għall-appoġġ mill-Fond għall-Innovazzjoni. Taħt dawk il-proġetti, se jinqabdu aktar minn 80 miljun tunnellata fis-sena għall-ħżin permanenti fl-UE.

⁵² Jinkludu proġetti b'għotjiet iffirmati u proġetti mistiedna għat-tħejjija ta' ftehim ta' għotja. Sitt proġetti tal-katina sħiħa tas-CCS u tal-ħżin tas-CO₂ tal-Fond għall-Innovazzjoni għandhom jikkontribwixxu direttament għall-iżvilupp ta' siti tal-ħżin fl-UE sal-2030: ANRAV-CCUS, Danube Removals, Greensand Future, HuCCSar, LaunchStores, u TarraCO₂-Storage. Deskrizzjoni tal-proġetti tal-Fond għall-Innovazzjoni tinsab fuq is-[sit web tal-Kummissjoni](#).

Tabella 6 – Proġetti magħżula taħt il-Fond għall-Innovazzjoni (inklużi proġetti pilota u proġetti mistiedna għat-tnejjija ta' ftehim ta' għotja) u li jikkontribwixxu għall-mira tal-kapaċità tal-injezzjoni annwali tal-UE permezz tal-finanzjament dirett tal-faċilitajiet tal-ħżin.

Proġett	Stat Membru	Sena mistennija għall-bidu tal-operat	Kapaċità stmata tal-injezzjoni (f' miljuni ta' tunnellati ta' CO₂ fis-sena)
ANRAV-CCUS	Il-Bulgarija	2028	0,78
Danube Removals	L-Ungerija	2027	0,57
Greensand Future	Id-Danimarka	2025	0,3
HuCCSar	Il-Polonja	2028	0,005
LaunchStores	In-Netherlands	2029	3,3 ⁵³
TarraCO ₂ -Storage	Spanja	2030	2
			7

⁵³ Is-sit web tal-[proġett LaunchStores](#). LaunchStores ikopri żewġ siti tal-ħżin tas-CO₂ lil hinn mill-kosta: L04-A u K14-FAFC. Din iċ-ċifra tammonta għall-volum massimu tal-ħżin diviż bil-perjodu tal-injezzjoni msemmi fl-abbozzi tal-permessi għall-ħżin ta' L04-A u K14-FAFC (ara t-Tabella 5). Il-proġett huwa ppjanat għal kapaċità massima tal-injezzjoni ta' 5 miljun tunnellata ta' CO₂ fis-sena u għal kapaċità medja tal-injezzjoni ta' 3,3 miljun tunnellata ta' CO₂ fis-sena.

5.2 Kontribuzzjoni tal-Faċilità Nikkollegaw l-Ewropa għall-Enerġija

Bejn l-2014 u l-2024, il-proġetti tan-network tas-CO₂ b'kolloxx talbu madwar EUR 2,7 biljuni f'finanzjament taħt il-Faċilità Nikkollegaw l-Ewropa għas-sejħiet għall-Enerġija. L-ammont totali ta' finanzjament iddedikat għal proġetti, studji jew xogħlijiet ta' varar bi ftehim ta' għotja ffirmat f'dan il-perjodu kien ta' aktar minn EUR 974 miljun fuq 20 proġett tal-infrastruttura tat-trasport u tal-ħżin tas-CO₂.

- Taħt is-sejħa tal-2021, il-proġetti applikaw għal EUR 10,6 miljun u ngħataw EUR 4,2 miljun.
- Taħt is-sejħa tal-2022, il-proġetti applikaw għal total ta' EUR 355 miljun u ngħataw EUR 159 miljun.
- Taħt is-sejħa tal-2023, il-proġetti applikaw għal total ta' EUR 941 miljun u ngħataw EUR 480 miljun.
- Taħt is-sejħa tal-2024, il-proġetti applikaw għal total ta' EUR 1,1 biljun u ngħataw madwar EUR 250 miljun.

5.3 Kontribuzzjoni tal-Faċilità għall-Irkupru u r-Reżiljenza

Il-Faċilità għall-Irkupru u r-Reżiljenza se tappoġġa l-ewwel fażi tal-proġett tal-ħżin Prinosis li jinsab fit-Tramuntana tal-Greċja. Għalhekk, dan il-programm se jikkontribwixxi biex tinlaħaq il-mira tal-kapaċità tal-injezzjoni annwali tal-UE.

5.4 Kontribuzzjoni ta' Orizzont Ewropa

Il-Cluster 5 dwar il-Klima, l-Enerġija u l-Mobbiltà tal-programm Orizzont Ewropa ffinanzja 11-il proġett ta' ġestjoni industrijali tal-karbonju bejn l-2021 u l-2024 għal ammont totali ta' EUR 141,5 miljun. Il-Cluster 5 jimmira li jiffinanzja, permezz tal-Programmi ta' Ħidma tiegħu għall-2025 u l-2026–2027, 20 proġett ta' ġestjoni industrijali tal-karbonju b'EUR 126 miljun.

5.5 Kontribuzzjoni mill-Istati Membri

Il-finanzjament mill-Istati Membri għandu rwol essenzjali biex tiġi żgurata l-vijabbiltà finanzjarja tal-proġetti tas-CCS. Il-finanzjament mill-Istati Membri rrappreżenta 14 % tas-sehem tal-investment pubbliku fir-riċerka, l-iżvilupp u l-innovazzjoni fit-teknoloġiji tas-CCUS fl-OECD għall-perjodu 2014–2024⁵⁴. Tliet eżempji juru l-importanza tal-appoġġ tal-Istati Membri għall-varar tas-CCS.

⁵⁴ Clean Energy Technology Observatory: [Carbon Capture, Utilisation and Storage in the European Union – 2024 Status Report on Technology Development, Trends, Value Chains and Markets](#) – Iċ-Ċentru Kongunt tar-Riċerka tal-Kummissjoni Ewropea.

Id-Danimarka qed tappoġġa l-varar tas-CCS permezz ta' tliet programmi ta' finanzjament: il-Fond tas-CCUS (8,6 biljun kroner Daniż (DKK) jew EUR 1,15 biljun⁵⁵), il-Fond NECCS (2,6 biljun DKK jew EUR 348 miljun), u l-Fond tas-CCS (26,8 biljun DKK jew EUR 3,7 biljuni) għal pakkett ta' finanzjament totali ta' madwar 38 biljun DKK jew EUR 5,1 biljuni.

Fi Franza, il-programm ewlieni ta' finanzjament biex jappoġġa l-proġetti tas-CCS huwa l-“Appel d'offres – Grands Projets Industriels de Décarbonation”, li huwa miftuħ għal proġetti kbar ħafna ta' dekarbonizzazzjoni industrijali għal impjanti li joperaw taħt l-EU ETS⁵⁶. Il-programm huwa miftuħ għal teknoloġiji oħra minbarra s-CCS u għandu baġit totali ta' EUR 1 biljun.

Fin-Netherlands, il-programm ta' sussidju SDE++ jappoġġa l-proġetti tas-CCS. Il-finanzjament massimu disponibbli bejn l-2020 u l-2023 kien ta' EUR 2,1 biljuni fl-2020, EUR 6,7 biljuni fl-2021, u EUR 2 biljuni fl-2023 għall-proġetti tas-CCS. Dawn iċ-ċifri jirrappreżentaw l-ammont massimu ta' sussidju li l-proġetti tas-CCS jistgħu jirċievu fuq perjodu ta' 15-il sena. Il-finanzjament reali jiddependi fuq id-differenza bejn il-kost tal-proġetti u l-prezz tal-EU ETS u mistenni jkun aktar baxx.

⁵⁵ Il-Bank Ċentrali Ewropew; Paġna ewlenija; Statistika; [Rata tal-kambju ta' EUR/DKK tas-26 ta' Novembru 2025](#).

⁵⁶ Il-Ministeru għall-Ekonomija u l-Finanzi ta' Franza; Accueil ; Espace entreprises ; [Appels à projets et à manifestations d'intérêt Grands projets industriels de décarbonation 2024](#).

6 IS-SITWAZZJONI ATTWALI FL-2025 U L-PASSI LI JMISS

Fil-qosor, bħalissa qed jiġu żviluppati aktar minn 20 proġett tal-ħżin tas-CO₂ fl-UE. Diġà kienu nħarġu permessi għall-ħżin għas-sit Greensand fid-Danimarka, għas-sit Porthos fin-Netherlands, u għas-sit Prinos fil-Greċja. Seba' proġetti addizzjonali tal-ħżin tas-CO₂ qed japplikaw għal permess għall-ħżin fl-UE. B'kollox, dawn is-siti jistgħu jikkontribwixxu aktar minn **19-il miljun tunnellata fis-sena** ta' CO₂ għall-kapaċità tal-injezzjoni. Fis-snin li ġejjin huma mistennija japplikaw aktar proġetti għall-permessi għall-ħżin.

L-NECPs riveduti indikaw li l-proġetti magħrufa tal-qbid tas-CO₂ fl-Istati Membri jistgħu jammontaw għal mill-inqas **35 miljun tunnellata** ta' CO₂ fis-sena sal-2030 b'kapaċità totali tal-injezzjoni ta' **27,1 miljun tunnellata** ta' CO₂ fis-sena sal-2030. Fl-2024, ir-rapporti tal-Istati Membri skont l-Artikolu 21 irrapportaw ċifri oġhla. Dawn ir-rapporti wrew li sal-2030 jistgħu jiġu żviluppati **sa 33,1 miljun tunnellata** ta' CO₂ fis-sena f'kapaċità tal-injezzjoni minn proġetti tal-ħżin fl-UE.

Iċ-ċifri aggregati tal-kapaċità tal-injezzjoni tal-proġetti tal-ħżin deskritti fil-pjanijiet tal-44 entità obligata f'Ġunju 2025 jammontaw għal **massimu ta' 29 miljun tunnellata** f'kapaċità tal-injezzjoni tas-CO₂.

Din id-domanda potenzjali hija appoġġata mill-Fond għall-Innovazzjoni b'**25,3 miljun tunnellata** fis-sena f'CO₂ maqbuda. Madankollu, mill-2020, aktar minn 100 proġett individwali tal-qbid tas-CO₂ li jinsabu fiż-ŻEE applikaw għall-Fond għall-Innovazzjoni mingħajr ma ntgħażlu. Flimkien, dawk il-proġetti addizzjonali jirrappreżentaw volumi ta' qbid ta' **aktar minn 80 miljun tunnellata** ta' CO₂ fis-sena u jkunu jirrikjedu kapaċità tal-injezzjoni korrispondenti. L-iżvilupp tal-proġetti tal-ħżin tas-CO₂ fl-UE jrid jiġi aċċellerat sabiex tiġi ssodisfata d-domanda mill-emittenti industrijali u tintlaħaq il-mira tal-kapaċità tal-injezzjoni annwali tal-UE.

Kwalunkwe proġett tal-ħżin tas-CO₂ li jinsab fl-UE u li jikkontribwixxi għall-mira tal-kapaċità tal-injezzjoni annwali tal-UE — flimkien mal-infrastruttura relatata tal-qbid tas-CO₂ u tat-trasport tas-CO₂ — irid ikun rikonoxxut mill-Istati Membri bħala proġett strateġiku b'emissjonijiet żero netti skont l-Artikolu 13(3) tar-Regolament (UE) 2024/1735. L-emittenti industrijali li qed iqisu li jużaw is-CCS bħala perkors tad-dekarbonizzazzjoni għandhom jinfurmaw lill-awtoritajiet nazzjonali tagħhom, sabiex id-domanda tagħhom għall-kapaċità tal-injezzjoni tkun tista' tiġi inkluża fir-rapporti annwali tal-Istati Membri. Ladarba jiġu rikonoxxuti bħala proġett strateġiku b'emissjonijiet żero netti, dawk il-proġetti jridu jirċievu l-istatus tal-oġhla sinifikat nazzjonali possibbli u jridu jiġu ttrattati kif xieraq fil-proċessi għall-ġoti tal-permessi. Il-proċess għall-ġoti tal-permessi ma għandux idum aktar minn 18-il xahar għall-permessi kollha meħtieġa biex jiġi operat sit tal-ħżin f'konformità mad-Direttiva 2009/31/KE, skont l-Artikolu 16 tar-Regolament UE 2024/1735.

L-Artikolu 6(7) tar-Regolament 2024/1735 jirrikjedi li l-Istati Membri jridu jipprovdu lill-awtoritajiet kompetenti u lill-punti uniċi ta' kuntatt kollha b'riżorsi umani, finanzjarji u tekniċi

suffiċjenti biex jiżguraw proċessi simplifikati għall-għoti tal-permessi għall-proġetti tal-qbid u tal-
ħżin tad-diossidu tal-karbonju.

7 KONKLUŻJONI

Ħafna proġetti tal-ħżin tas-CO₂ qed jagħmlu progress rapidu madwar l-UE u huma mistennija jikkontribwixxu biex tintlaħaq il-mira tal-kapaċità tal-injezzjoni annwali tal-UE. Il-kapaċità tal-ħżin mistennija tiżdied malajr fix-xhur u fis-snin li ġejjin. Għad fadal ammont sinifikanti ta' xogħol xi jsir mill-atturi kollha, b'mod partikolari mill-44 entità obligata, biex tintlaħaq il-mira tal-kapaċità tal-injezzjoni annwali tal-UE. Din il-mira hija kemm realistika kif ukoll ambizzjuża. Tista' tintlaħaq jekk il-proġetti tal-ħżin jiġu żviluppatti b'pass effiċjenti.

Il-biċċa l-kbira tas-siti tal-ħżin ippjanati għadhom ikkonċentrati madwar iż-żona tal-Baħar tat-Tramuntana, filwaqt li għadd ta' Stati Membri fl-Ewropa tan-Nofsinhar u tal-Lvant qed ifittxu li jiżviluppaw kemm siti tal-qbid tas-CO₂ kif ukoll siti tal-ħżin tas-CO₂. Il-pjanijiet mibgħuta mill-44 entità obligata għadhom ma jispjegawx fid-dettall iċ-ċifri l-ġodda tal-kapaċità tal-injezzjoni assoċjati mas-siti l-ġodda tal-ħżin. Għall-industriji u għall-investituri, huwa kruċjali li r-rapportar mill-Istati Membri u mill-entitajiet obligati jittejjeb biex tinkiseb stampa aħjar u biex jiġu appoġġati l-investimenti fil-kapaċità tal-qbid tas-CO₂ u fl-infrastruttura tat-trasport tas-CO₂. Minn Ġunju 2026 'il quddiem, l-Artikolu 23(6) tar-Regolament (UE) 2024/1735 se jirrikjedi lill-44 entità obligata jirrapportaw kull sena lill-Kummissjoni l-progress li jagħmlu lejn il-kontribuzzjoni tagħhom. Dawn ir-rapporti se jkollhom jiddeskrivu, f'kemm jista' jkun dettall, l-istat tal-iżvilupp tas-siti tal-ħżin u se jiġu ppubblikati mill-Kummissjoni.

Sa Ġunju 2026, l-Istati Membri jridu jstabilixxu penali effettivi, proporzjonati u dissważivi applikabbli għall-ksur mill-44 entità obligata fir-rigward tal-obbligi tagħhom li jikkontribwixxu għall-mira tal-kapaċità tal-injezzjoni annwali tal-UE, skont l-Artikolu 23(13) tar-Regolament (UE) 2024/1735. Dawn il-penali se jinċentivaw lill-44 entità obligata jiżviluppaw proġetti ġodda tal-ħżin tas-CO₂ fl-UE u jikkomplementaw ir-riżerva eżistenti tal-proġetti. Il-kontribuzzjoni u r-rapportar obligatorji ta' dawk l-44 entità obligata se jipprovdu lill-industriji bi trajettorja trasparenti tal-provvista pplanata tal-kapaċità tal-ħżin u tal-injezzjoni tas-CO₂ u se jinfurmaw id-deċiżjonijiet dwar l-użu tal-qbid u tal-ħżin tad-diossidu tal-karbonju. Se jkun meħtieġa miżuri addizzjonali fil-livell nazzjonali, bħal skemi ta' finanzjament tad-dekarbonizzazzjoni industrijali, biex jiġi appoġġat b'mod ulterjuri l-iżvilupp ta' proġetti ta' siti tal-ħżin u għall-kontribuzzjoni għall-ilħuq tal-mira tal-kapaċità tal-injezzjoni annwali tal-UE.

Sat-30 ta' Ġunju 2027, il-Kummissjoni se tirrapporta fuq il-progress fl-Istati Membri (l-Artikolu 21) u mill-entitajiet obligati (l-Artikolu 23(6)). Fuq din il-bażi, il-Kummissjoni se tivvaluta wkoll, fost l-oħrajn, l-istat tas-suq fir-rigward tal-kapaċità tal-injezzjoni, se tipprovdi ħarsa ġenerali lejn il-firxa ġeografika tas-siti tal-ħżin ippjanati, u se tivvaluta jekk huwiex meħtieġ li jiġi introdott objettiv għall-2040 jew jekk hemm bżonn qabel, skont l-Artikolu 20(3) tar-Regolament (UE) 2024/1735.

